**Santa Luċija**
**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 26/2026**
**23 ta' Jannar 2026**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:15p.m.**

**PREŻENTI:**
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier
Connie Debattista – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
NIL

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI:**

**26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
NIL

**26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru. 25**
Il-Minuti ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati mill-Kunsilliera D'Amato bħala Proponent u l-Kunsilliera Debattista bħala Sekondant.

**26.3 Punti mqajjma mill-Minuti 25**
NIL

**26.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti 26/2025**
L-iskeda ġiet iċċirkolata qabel is-Seduta u ġiet meqjusa bħala moqrija. L-iskeda ġiet approvata mill-Kunsilliera D'Amato bħala Proponent u l-Kunsilliera Debattista bħala Sekondant.

**26.5 Approvazzjoni tal-Quaterly Report 4 2025 (Jannar – Diċembru 2025)**
Is-Sindku infurmat li għadhom mhux lesti u ser jiġu mgħoddija fis-Seduta li jmiss.

**26.6 Approvazzjoni ta' Tneħħija ta' Oġġetti – FAR**

Il-lista ġiet iċċirkolata qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsill approva unanimament li jitneħħew dawn l-affarijiet (Annex 1).

**26.7 Approvazzjoni tar-Retention Policies għall-Kunsill Lokali Santa Luċija**

Ir-Retention Policies ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsill approva unanimament ir-retention policies b'mod unanimu (Annex 2).

**26.8 Approvazzjoni tal-Bye Laws (Ġnien is-Serenità u Użu ta' Faċilitajiet Sportivi)**

Il-Bye Laws ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija. Is-Sindku talbet li attivitajiet sportivi tkun bi ħlas ta' €200, għeluq tal-ġnien kollhu €1500 u l-attivitajiet li jiġu organizzati mill-iskejjel u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni jkunu mingħajr ħlas, dejjem jekk ma jkunx hemm talba għal ħlas tal-entratura mill-istudenti. Il-Kunsilliera qablu li tiżdied li t-tindif irid isir qabel u wara mill-organizzatur. Il-Kunsillier Sciberras talab li l-lista ta' ħlasijiet tiġi f'tabella waħda u mhux maqsuma. Din l-emenda ser tiġi mibgħuta permezz ta' email għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex inkunu nistgħu imexxu għall-proċedura li jmiss. Il-Bye-Law tal-Użu ta' Faċilitajiet Sportivi ġiet approvata unanimament.

**26.9 Approvazzjoni tal-MoU tal-Street Sweeping mall-Cleansing Department**

Is-Sindku infurmat li l-MoU ġie approvat mill-avukata tal-Kunsill Dr Vincienne Vella. Il-Kunsillier Sciberras talab li jiġu emendati xi punti:

Page 1: Provision of street sweeping services inclusive of emptying of all the bins, grass cutting, bin liners for all the bins and removal of all the illegal dumping in the locality of Santa Lucija. – jiġi miżjud il-kliem immarkat bil-blu

Page 3: This MoU shall be effective for a period of five (5) years commencing on the date of signature, with the option of a further extension as decided by the council. – tiġi miżjuda ~~for another period of five (5) years.~~

Is-Sindku talbet li jiġi miżjud il-Kunsillier Sciberras sabiex ikun jista jiffirma l-MoU; f'każ li jkun inidispost tiffirma l-Kunsilliera d-Debattista. L-MoU ġie approvat mill-Kunsilliera bl-emendi imsemmija.

**26.10 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Evalwazzjoni tat-tender tal-ġonna T/KLSL/02/2025**

Ir-rapport ġie iċċirkolata qabel is-Seduta u ġiet meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsill approva lill-kuntrattur Chris Bonello. Is-Sindku infurmat li ser tiġi organizzata laqgħa mal-kuntrattur qabel ma jiġi iffirmat il-kuntratt.

**26.11 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**26.11.1** Is-Sindku għaddiet lill-Kunsilliera l-i**statistika** tal-laqgħat għax-xahar ta' Jannar 2026 (Annex 3).

**26.11.2** Is-Sindku infurmat li x-xogħol fi **Triq Freżja** ser jinbeda nhar is-26 ta' Jannar 2026 minn Infrastructure Malta fejn ser issir il-pjazza, t-toroq, ser jiżdied l-parkeġġ.

**26.11.3** Is-Sindku infurmat li x-xogħolijiet fi **Triq Maria de Domenicis** ser jinbdew fit-30 ta' Jannar 2026 u ser idum madwar 15-il ġimgħa. Matul il-laqgħa li għaliha attendew is-Sindku u l-Kunsilliera Debattista, l-Kunsill ġie infurmat li ser isir survey minn Triq Għeneb id-Dib għal Triq iċ-Ċikwejra sabiex jaraw il-qlib tal-ilma u jridu jaraw fejn ser imur l-ilma kollhu. Fl-istess laqgħa IM infurmaw li ser isir il-konnezzjoni biss ta' charging point ħdejn Ġnien Simbjożi. Il-Kunsillier Sciberras talab għal BOQ ta' dan il-proġett iżda IM ma aċċettawx li jgħaddulna din l-informazzjoni. Is-Sindku ser terġa tikteb lill-IM sabiex tiġi provduta din l-informazzjoni. Is-Sindku infurmat li fi Frar ser torganizza laqgħa għar-residenti ta' Triq il-Kaħwiela li għaliha ser tattendi wkoll il-Perita ta' IM.

**26.11.4** Il-Minuti tal-laqgħa li saret mad-DG dwar **Trejqet Santu Kristu** ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija (Annex 4). Il-Kunsilliera Debattista iċċarat li hi kif ukoll is-Sindku għaddew biss l-idea tagħhom rigward il-ħinijiet tal-One Way. Il-Kunsill tal-Gudja kien mistieden għal din il-laqgħa iżda ma kellu l-ebda interess li jiddiskuti din il-materja (Annex 5).

**26.11.5** Is-Sindku infurmat li fit-23 ta' Jannar 2026 saret is-seduta tal-ERPT dwar **PA/05677/23** ta' Triq il-Ġibjun. Is-seduta ġiet differita għal nhar it-3 ta' Marzu 2026. Għal din is-seduta irrappreżentaw lill-Kunsill l-Avukati Edward Zammit Lewis, Michael Camilleri u Dr Claire Bonello.

**26.11.6** Is-Sindku infurmat li ġew submitted pjanti ġodda għal **PA/05910/23** ta' Dawret it-Torri u ser tiġi infurmata l'avukata Dr Bonello għal kummenti tagħha.

**26.11.7** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mill-Perit Lewis dwar fejn ser issir l-**storage room** fil-picnic area (Annex 6). Il-Kunsill approva li ssir skond il-pjanta mibgħuta (wara l-kamra tal-ħaddiema) u l-faċċata tkun fuq il-ġebla.

**26.11.8** Is-Sindku irċeviet diversi ilmenti mingħand r-residenti ta' **Triq Bwieraq** sabiex tiġi 2 way. Il-Kunsill approva li napplikaw ma TM sabiex Triq Pensieri tibqa one way u Triq Bwieraq tiġi 2 way. Is-Sindku infurmat li ser tagħmel laqgħa mar-residenti fi Frar sabiex jiddiskutu t-Traffic Management ta' dik l-akwata. F'każ li TM ma tapprovax li tiġi one way, ġie maqbul li l-parkeġġ jiġi n-naħa l-oħra.

**26.11.9** Is-Sindku infurmat li l-bankina mkissra fi **Triq Gardenja** k/m Triq Dhalia ġiet irrapurtata lil diversi entitajiet.

**26.11.10** Is-Sindku infurmat li nhar it-13 ta' Frar 2026 fid-9.00am hemm il-kawża l-qorti dwar **PA/3310/25** tal-Krematorju li għaliha jidher l-Perit Jesmond Mugliette u l-avukata Dr Bonello.

**26.11.11** Wara talba mibgħuta mill-Kunsilliera D'Amato, il-Kunsillier Sciberras talab li qabel ma l-Kunsill jiddeċidi dwar il-ħruġ minn Santa Luċija għal **Triq tal-Barrani**, IM u TM għandhom jibgħatu l-pjanti kif qed jissuġerixu li tiġi, peress li trid tiġi mnaqqsa parti mill-Jogging track. Is-Sindku ser tagħmel din it-talba lill-Ministru tat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi.

**26.11.12** Is-Sindku infurmat li l-kuntrattur tal-**bandli** għandu ammont ta' kulur aħdar apparti aħmar li ser jingħata l-istess prezz tal-kulur aħmar. Il-Kunsilliera staqsew kif ser jiġi mqassam qabel japprovaw. Is-Sindku infurmat li meta nirċievu risposta mill-kuntrattur ser ninfurmawhom permezz ta' email għall-approvazzjoni tagħhom.

**26.11.13** Il-minuti tal-laqgħa li saret ma **Santa Marija Accordian Band** ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija (Annex 7). Il-Kunsilliera approvaw li jsiru rehearsals ġewwa l-gazebo mingħajr ħlas kif ukoll jitella kunċert mingħajr ħlas mill-istess banda f'Jum Santa Luċija.

**26.11.14** Is-Sindku infurmat li wara l-laqgħa li saret mas-**Sanità** ftit tax-xhur ilu, il-Kunsill ġie infurmat li il-velenu fill-manholes u spazji miftuħa ser isir bejn it-2 u s-6 ta' Frar 2026. Fuq dan ir-rigward, ġie maqbul li jitellà post fuq facebook.

**26.11.15** Is-Sindku bi pjaċir infurmat li t-**Timed Parking bay** tal-ħwienet ta' wara l-Kunsill ġiet approvata u ser issir minn TM (Annex 8). Sakemm il-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tal-art ta' ħdejn l-ATM, il-Kunsill approva li jsir parkeġġ wieħed Timed Parking mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-7.30am sat-3pm u s-Sibt

mis-7.30am sal-11.00am. Is-Sindku infurmat wkoll li ngħabru l-quotes għas-survey li ġiet mitluba mill-perit għall-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' ħdejn l-ATM, u ġiet approvata l-irħas offerta.

**26.11.16** Is-Sindku infurmat li ser napplikaw ma TM sabiex l-speed fi Triq il-Prinjoli u Dawret it-Torri tiġi **30km/h** anke minħabba l-iskejjel li jinsabu fil-viċinanzi. Il-Kunsill approva

**26.11.17** Il-minuti tal-laqgħa li saret mad-Direttriċi l-ġdida tac-**China Cultural Centre** ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija (Annex 9).

**26.11.18** Il-minuti tal-laqgħa li saret mal-**Planning Authority** ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija (Annex 10). Is-Sindku infurmat li mill-fondi tad-DPF ser napplikaw għad-differenza tal-bandli u tal-latrini.

**26.11.19** Is-Sindku qrat korrispondenza mingħand residenta dwar il-ħmieġ li qed ikun hemm fid-dogpark. Il-Kunsill qabel li titmexxa mobile camera.

**26.11.20** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva l-Maintanance Agreement (Annex 11) mingħand **Project Green** dwar Ġnien l-Iskultura. Dan id-dokument ser jiġi mgħoddi permezz tal-email għall-kummenti tal-Kunsilliera.

**26.11.21** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ħareġ l-Purchase Order għar-**railing** ta' Triq Maria De Domenicis. IM ser jagħtuna r-refund tal-spejjeż.

**26.11.22** Bi pjaċir is-Sindku ħabbret li l-applikazzjoni għall-iskema tal-**Karnival** SPI/05/2025 ġiet approvata u l-Kunsill ser jieħu €5000 f'fondi. Is-Sindku infurmat li ser isir cookie decoration, story telling, maskli magħmula mill-anzjani li jattendu d-Day Centre. Ser tiġi mibgħuta email lill-voluntiera għal min jixtieq jipparteċipa. Is-Sindku infurmat li ser jkun hemm xi pagamenti li ser isiru qabel is-seduta relatati ma din l-iskema.

**26.11.23** Is-Sindku infurmat li r-**Reġjun Nofsinhar** għaddilna korrispondenza sabiex nibgħatulhom lista għal xogħol ta' manutenzjoni mill-ħaddiema tar-reġjun ġewwa Santa Luċija. Il-Kunsill approva li l-ħaddiema jduru Pjazza 7 ta' Lulju, id-dawra t' Ġnien Simbjożi.

**26.11.24** Is-Sindku staqsiet lill-Kunsilliera Debattista bħala l-kunsilliera responsabbli fuq l-annimali sabiex tieħu ħsieb il-mili ta' formola mibgħuta mir-Reġjun Nofsinhar dwar il-**ħamiem salvaġġ**. Il-Kunsilliera Debattista aċċetat.

**26.11.25** Is-Sindku infurmat li ħarġet il-call għal bust ta' **Ray Mahoney** mill-Ministeru tal-Kultura.

**26.11.26** Is-Sindku infurmat li ser tiġi mibgħuta korrispondenza għal suġġerimenti sabiex jiġi imsemmi l-**bandli** ta' Triq Ineż Soler.

**26.11.27** Is-Sindku infurmat li rċivejna korrispondenza mingħand il-persuna li ġab l-irħas kwotazzjoni għar-**risk assessment** tan-nar tal-ajru sabiex jara jekk il-Kunsill għadux interessat. Is-Sindku infurmat lill-Kunsillier Sciberras sabiex jkunu jistgħu jikkordinaw l-laqgħa.

**26.11.28** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba minn 4Sight sabiex jinħoloq **enċiklopedija għat-tfal.** Il-Sindku infurmat li ser titlob biex isir laqgħa u talbet lill-Kunsilliera Debattista biex tkun preżenti.

**26.11.29** Is-Sindku infurmat li ħarġet l-application għal korsijiet li nixtiequ norganizzaw ġo Santa Luċija SPI/10/2025 (**Life Long Learning**). Il-Kunsill approva li napplikaw għal ganutell, crochet, u Maltese Bobbin Lace Making.

**26.11.30** Is-Sindku rċivit talba mingħand residenta li toqgħod fil-Housing Estate ta' **Triq Ċinerarja**, u minħabba sar ġnien ġdid, tnaqqset il-privatezza u s-sigurtà tagħha. Il-Kunsilliera approvaw it-talba tas-Sindku bi qbil mir-residenta li jsir fencing aħdar.

**26.11.31** Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera jekk hux ser tinħareġ tender jew jieħdu ħsieb il-**latrini** Cleansing Malta. Il-Kunsillier Sciberras talab li l-Kunsill iġib l-approval mid-DLG, għalhekk ser tiġi mibgħuta korrispondenza lid-DLG.

**26.11.32** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta minn **Karl Vella Foundation** fejn talbu l-użu ta' kamra fi Ġnien is-Serenita, darba fil-ġimgħa mill-4.30pm sas-6.30pm. Il-Kunsill approva din it-talba mingħajr ħlas.

**26.11.33** Is-Sindku infurmat li l-Ministru tal-Intern qed joffru li jagħtu figolli u qagħaq tal-għasel mill-Forn tal-Ħabs b'donazzjoni għall-NGO. Lit-tfal tingħata figolla minflok bajda tal-Għid, u l-ħlas għall-attività tkun donazzjoni. Fl-istess waqt il-Ministeru għat-trasport, l-Infrastruttura u x-xogħlijiet Pubbliċi U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI offrew li jarmaw stands. Il-Kunsilliera Debattista issuġġeriet li issir egg decoration. Il-Kunsill qabel li ssir il-**Carrot Hunt** nhar is-Sibt 4 ta' April 2026 mill-10.30am – 1.30pm.

**26.11.34** Is-Sindku qrat korrispondenza mingħand is-Sa **Daniela Galea** sabiex torganizza Foam Parties u Messy Plays matul l-istaġun tas-sajf ġewwa Ġnien is-Serenità. Il-Kunsill approva dawn l-attivitajiet bi ħlas ta' €50 kull sessjoni u li jitħalla l-post nadif.

**26.11.35** Is-Sindku infurmat li bħal kull sena, l-Kunsill ser japplika għall-**health insurance** li toffri l-AKL, għall-Kunsilliera, impjegati u ħaddiema ta' barra.

**26.11.36** Is-Sindku infurmat li bħala DLG ippruvaw li l-**borża s-sewda** tiġi miġbura l-ġurnata ta' wara l-maltempata Harry, iżda ma kienx hemm kooperazzjoni mill-kuntratturi.

**26.11.37** Is-Sindku infurmat li l-amministrazzjoni tal-Kunsill issuġerrixa li minflokk tiġi mitluba kwotazzjoni mingħand kuntratturi, tiġi mitluba kwotazzjoni mingħand r-residenti sabiex **jitnaddaf** il-Kunsill, il-librerija, eċċ. Il-Kunsillier Sciberras talab li nġibu l-approvazzjoni tad-DLG qabel ma nipproċedu. F'każ li d-DLG tapprova, ser jinħareġ avviż.

**26.11.38** Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-kunsilliera sabiex tinxtara **shredder** peress li nkissret u li ser tiġi magħżula l-irħas kwotazzjoni għall-shredding (bulk) tad-dokumenti. Il-Kunsill approva.

**26.11.39** Is-Sindku infurmat li wara l-maltemp ser jinbeda t-tindif tal-**culverts** mill-ħaddiema u ser titlob għall-għajnuna ta' Cleansing Malta u Public Works.

**26.11.40** Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera irringrazzjaw lit-**Tourizm Regeneration Zone Agency** għall-bankijiet ġodda fil-picnic area. Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex jinżamm il-ħadid tal-bankijiet u jsir injam ġdid, a spejjeż tal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

**26.12 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**26.12.1 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa jekk l-ittra mill-Kunsill dwar ix-xogħol li ser issir fi Triq Maria De Domenicis tqassmitx flimkien ma ta' Infrastructure Malta u Housing Project Solutions (Annex 12). Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien jaf li ser titqassam l'ittra minn IM, iżda ma kellu l-ebda informazzjoni dwar l-ittra ta' Housing Project Solutions. Fl-istess waqt is-Sindku infurmat li ser tagħmel kuntatt mal-Housing Authority minħabba li fl-ebda ħin il-Kunsill kien infurmat li ser isiru x-xogħolijiet fuq Independence Flats.

**26.12.2 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa kif il-Kunsill baqa' fuq l-ammont ta' €60,000 li l-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq għandhu jagħti lill-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija. Is-Sindku infurmat li ser tagħmel kuntatt mad-DLG.

**26.12.3 Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet fhix wasal il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku infurmat li għadu għad mhemm xejn mingħand Planning Authority.

**26.12.4 Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet min jista' japplika għal 'Irrinova Darek'. Is-Sindku infurmat li kulħadd jista japplika.

**26.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm u s-seduta li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Frar 2026 fil-5.15pm. Matul din il-laqgħa s-Sindku infurmat li ser jiġu diskussi Pjan ta' hidma, l-Quaterly Report 4 2025 u l-Unaudited Financial Statements 2025.

Dawn il-minuti ġew ikkonfermati 20 ta' Frar 2026.

**IFFIRMATI**

___________________________

Charmaine St John
Sindku

**IFFIRMATI**

___________________________

Bernice Darmanin
Segretarju Eżekuttiv